MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 389/2004

**Carmel Scicluna**
**(ID 692454M)**

**Vs**

**Paul Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta Frar 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira tletin centezmu (Lm269.30) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura numru IXC 111 proprjeta ta l-attur meta l-konvenut irriversja go fiha bil-vettura numru PWM 190 nhar il-21 ta Marzu 2003 gewwa St Andrews ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u ndirizzata lis-socjeta

assikuratrici tal-konvenut u bl-interessi legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 12 ta Marzu 2004 in forza ta liema huwa kkontesta r-responsabbilita tal-incident stradali in kwistjoni u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-impatt in kwistjoni sehh bejn zewg vetturi ma gemb is-Sunrise Bar St Andrews fejn iz-zewg sewwieqa rispettivi jallegaw li kienu wieqfa u li kienet il-vettura l-ohra li dahlet go fih u vice versa. In segwitu inqala xi disgwid bejniethom fuq il-mod kif kellhom jimtlew il-bumper to bumper form stante din l-allegazzjoni reciproka fil-konfront ta xulxin.

Andrew Pizzuto rapprezentant tal-assikurazzjoni tal-konvenut ighid illi l-konvenut kien baqa ma tawhomx informazzjoni a tempo vergine dwar l-incident. In segwitu inqlalghet tahwida shiha dwar id-data proprja tal-istess minnhabbba li l-bumper to bumper form imtliet xi tliet darbiet b'dati differenti x'aktarx kul data tirrifletti dik ta meta mtliet il-formola u mhux ta meta sehh  l-incident. Li hu cert pero li bejn iz-zewg vetturi in kwistjoni kif misjuqa minn Glenn Scicluna u l-konvenut incident wiehed biss kien hemm.

L-ispettur Mario Tonna mill-Ghassa ta San Giljan jghid li kien gie l-ghassa l-ewwel is-sewwieq Scicluna fejn talab l-ghajnuna u intervent tal-pulizija peress li allega li l-konvenut ma riedx jimla l-formola b'mod korrett. Fil-fatt il-konvenut spicca biex gie l-ghassa u mela l-formola ma Scicluna wara li kien bghat ghalih l-ispettur stess. Illi dan it-tribunal ma hux ser joqghod jidhol fil-kwistjoni ta kif imtlew il-formoli wahda wara l-ohra. Wara kollox dawn

suppost ghandhom jirriflettu d-dikjarazzjoni taz-zewg sewwieqa dwar kif gara l-incident, liema formola ghandha timtela dak il-hin stess u mhux granet u gimghat wara meta kulhadd isir aktar gharef wara ftit ta riflessjoni. Madankollu jidher li mill-bidu nett kien hemm verzjonijiet ghal kollox opposti maz-zewg sewwieqa dwar kif sehh l-incident.

Glenn Scicluna li kien qed isuq il-vettura tal-attur jallega li waqt li kien wieqaf fejn is-Sunrise Bar bl-intenzjoni li johorgu jixtru qala daqqa fuq in-naha ta wara tal-vettura. Difatti l-hsarat subiti mill-istess vettura kienu kollha fuq wara. Andrea Berlingieri li kien riekeb passiggier ma Scicluna jikkonferma l-verzjoni tieghu u jzid ighid lid d-daqqa mill-konvenut qalghuha appena kif Glenn tefa l-makna u ghalhekk isostni li f'dak il-mument huma kienu ghal kollox wieqfin, parkeggjati.

Paul Micallef jallega li huwa waqaf xi tmien vetturi boghod mill-Hot Dog stand u pparkja mal-gemb tat-trieq wara xi vetturi ohra u halla d-dwal mixghula. F'hin minnhom sema "spinning of wheels" u in segwitu daqqa fuq il-vettura tieghu. Il-konvenut ighid li ftit li xejn kellu hsara fuq il-vettura tieghu. Jikkonferma lil-vettura tal-attur gia kienet tinsab parkeggjata meta wasal hu u li bejniethom kien halla xi erba piedi. Il-vettura tieghu hija ta l-ghamla 4X4 u ghandu bullbar fuq quddiem. Jikkonferma wkoll li naqas li jaghmel claim peress li l-hsarat fuq il-vettura tieghu kienu minimi. Wendy Micallef li kienet riekba passiggiera mal-konvenut tikkonferma in sustanza l-verzjoni ta zewgha. Dwar l-impatt tghid li waqt li huma kienu parkeggjati bid-dwal mixghula semghet il-vettura tal-attur taghmel hoss ta "a large screech" qabel ma sehh l-impatt. Dwar id-distanza li hallew bejn iz-zewg vetturi, hija tghid li kienu hallew mhux hazin ghalkemm ma setghetx tikkalkula kemm.

Illi ghalkemm kif jidher espost hawn fuq ingiebu provi kontrastanti miz-zewg nahat, it-Tribunal huwa tal-fehma li jezisti elementi oggettivi li jaghtu aktar kredibbilita lejn l-verzjoni tal-attur oltre ghall-fatt li jigi rilevat li ma tantx

dehru konvincenti l-istess konvenut u martu bil-mod kif xehdu.

Illi madankollu it-tribunal jixtieq jirrileva s-segwenti punti saljenti;-

1. Illi ma hemmx dubbju li kien sehh impatt bejn il-vetturi nvoluti f'dina l-kawza ghalkemm hemm tahwida shiha fuq id-data preciza meta dan sehh;

2. Il-vettura tal-attrici kienet l-ewwel wahda li waslet fuq il-post in kwistjoni u difatti ma hux kontestat il-fatt li meta wasal il-konvenut dik ta l-attur kienet gia tinsab ipparkeggjata;

3. Id-dwal tal-vettura tal-attur kienu mitfija li tindika li kienet parkeggjata filwaqt li dik tal-konvenut kienu ghadhom mixghula fil-mument tal-impatt li hija ndikattiva tal-fatt li l-konvenut seta kien ghadu "in motion" kif allegat mill-attur u kif ukoll li taghmilha mprobabbli t-tezi tal-konvenut u cioe li Scicluna rriversja ghal fuqu;

4. Bejn iz-zewg vetturi thalliet certa distanza – ta l-anqas erba piedi u kwindi spazju bizzejjed biex wiehed jaghmel manuvra ta reverse minnghajr ma jahbat;

5. Fattur iehor sinifikattiv huwa dak li z-zewg konjugi Micallef jallegaw li fil-manuvra ta reverse semghu l-vettura tal-attur taghmel hoss ta "spinning of wheels" jew "screech" haga ferm improbabbli f'manuvra ta reverse.

Jidher li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-valur tad-danni anzi jigi notat li ghalkemm gie ppruvat tramite Carmel Scicluna u d-dokument esebit minnu li l-hsarat kienu jammontaw ghal Lm309, it-talba odjerna tinsab limitata biss ghall-ammont ta Lm269.30.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut kwindi jiddikjara li kien l-istess konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u

konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur s-somma mitluba ta mitejn u disgha u sittin lira tletin centezmu (Lm269.30) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------